



2023/2162

18.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2162

tas-17 ta' Ottubru 2023

li jirtira l-protezzjoni mogħtija lill-indikazzjoni ġeografika ("Sable de Camargue" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 106 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ⁽²⁾ jistipula li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 94 u fl-Artikoli 96 sa 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tapplika *mutatis mutandis* għat-tħassir tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta skont it-tifsira tal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33, it-talba ta' Franza għat-tħassir tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sable de Camargue" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenhtiegħ li l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sable de Camargue" titħassar.
- (4) Fid-dawl tat-tħassir tal-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sable de Camargue", l-entrata tagħha għandha titħassar mir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti tal-Unjoni għall-inbejjed imsemmija fl-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-protezzjoni mogħtija lill-indikazzjoni ġeografika "Sable de Camargue" (IĠP) hija mħassra.

Artikolu 2

L-entrata tal-Indikazzjoni Ġeografika "Sable de Camargue" (IĠP) fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti għall-inbejjed hija mħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' orġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2).

⁽³⁾ ĠU C 183, 25.5.2023, p. 12.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
